MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 862/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**VS**

**DAVID JOSEPH GAUCI**
**DARREN JAMES VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra David Joseph Gauci, ta' 18-il sena, bin Paul u Theresa nee' Abela, imwieled Tal-Pieta', imwieled nhar l-20 ta' Awwissu, 1987, residenti fil-fond imsejjah Melifond, Flat 4, Triq il-Mazzola, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 382487 (M);
U Darren James Vella, ta' 16-il sena, bin Joseph u Mary Grace nee' Scicluna, imwieled Tal-Pieta', nhar is-27 ta' Frar, 1990, residenti fil-fond 26B, Flat 2, Triq il-Qrejzu,

Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 120590 (M);

Akkuzati talli nhar is-27 ta' Mejju, 2006 ghall-habta ta' 4.30pm, f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommettew serq ta' stereo minn go vettura tal-ghamla Skoda, bin-numru tar-registrazzjoni BAO 783, ghad-detriment ta' Alessandro Aquilina minn Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fl-istess karozza bin-numru tar-registrazzjoni BAO 783, ghad-dannu ta' Alessandro Aquilina, minn Birkirkara, liema hsara hija ta' izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda inqas minn hamsin lira maltin (Lm50.00);

3. **Lil David Joseph Gauci wahdu** talli b'diversi atti maghmulin minnu, matul it-22 ta' Mejju, 2006 u l-25 ta' Mejju, 2006 ukoll jekk fi zminijiet differenti jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, u cioe' ikkommetta serq ta' diversi stereos li kienu f'diversi vetturi minn gewwa dawn il-gzejjer, u cioe' gewwa l-Iklin, ghad-dannu ta' diversi sidien, liema serq huwa kkalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

4. U fl-ahharnett talli t-tnejn flimkien, fl-istess cirkonstanzi, kisru l-kundizzjonijiet moghtija lilhom b'sentenizi tal-Qorti Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom.

Wara li rat l-Artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikolu 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L:-Artikolu 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 15 1(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputati David Joseph Gauci u Darren James Vella hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom, u ghalhekk tikkundanna lil **David Gauci** ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, taht supervizjoni tal-Ufficcjal tal-*Probation, ai termini* tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
*Inoltre* tornda wkoll lill-imputat jibda u jittermina program residenzjali ta' riabilitazzjoni mid-droga.

Din il-Qorti tordna wkoll fil-konfront ta' **Darren James Vella** estensjoni ta' Ordni ta' *Probation* mahruga nhar it-28 ta' Frar, 2005 minn din il-Qorti kif preseduta ghal perjodu ta' tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------